# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru. 2320

**Kaz Nru. 2851/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**Bejn**

**Martin Caruana**

**u**

**Joyce Darmanin K.I. 337658(M)**
**Ezercenti l-Kummerc bl-isem ta'**
**Matthew's Bar & Restaurant.**
**(Dwar tkeccija mill-impieg**
**allegata li hi ngusta).**

## Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., I.P.D.(U.K).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti Martin Caruana, li gie prezentat fir-Registru tal-Qorti fil-5 ta' Novembru, 2010. Matul is-smigh tal-Kaz ir-Rikorrenti kien assistit minn Dr. Martha Farrugia u minn Dr. Frank Testa u ghas-sid ta' l-**

**istabiliment Matthew's Bar & Restaurant kien raprezentat minn Ms Joyce Darmanin assistita minn Dr. Robert Abela.**

**Fl'istqarrija tal-kaz ir-rikorrenti jghid, li huwa beda jahdem fl'istabiliment Matthew's Bar & Restaurant bhala full-time Chef mit-8 ta' Awissu, 2007. Fl'Istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, l'impieg tieghu gie mitmum b'modd hesrem fl'24 ta' Lulju, 2010. Ir-rikorrenti jghid ukoll, li qabel ma beda jahdem fl'impieg tieghu kien ftiehem mas-sid ta' l-Istabiliment il-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu inkluz il-paga li kellu li kienet ta' €300 fil-gimgha, li minnhom kienet tizamm €20 bhala hlasijiet tat-taxxa u kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Socjali. Huwa jghid ukoll fl'Istqarrija tal-Kaz tieghu, li qabel ma beda l-impieg giet mimlija il-formola ta' bidu ta' Impieg ta' l-ETC u is-sid hadet l-inkarigu li tirregistra din il-formola ma' l-istess Korporazzjoni u sussegwentament kienet assiguratu li din ir-registrazzjoni mal-Korporazzjoni kienet saret.**

**Ir-rikorrenti kompla jghid fl'Istqarrija tal-kaz tieghu, li meta ghamel verifikazzjoni mal-Korporazzjoni ta' l-ETC irrizultalu, li huwa ma kienx irregistrat li kien qieghed fl'impieg u ghaldaqstant huwa informa lis-sid ta' l-istabiliment b'dak li kien irrizultalu u enfasizza maghha biex il-pozizzjoni tieghu tigi regolarizzata mhux biss mal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig, izda wkoll mas-Sigurta Socjali u mad-Dipartiment tat-Taxxa, ghax wara kollox dawn kienu inqatghu mill-paga tieghu biex jigu mhallsa ghan-nom tieghu mis-sidien. Huwa jghid ukoll, li kemm il-**

**darba talab lis-sid biex tghatih kopja ta' l-FS3, izda kull darba l-intimata kienet tghidlu li qed tistenna li tigi mghoddija lilha minghand l-accountant.**

**Ir-Rikorrenti jghid ukoll fl'Istqarrija tal-Kaz tieghu, li nvista li s-sid ma hadet l-ebda azzjoni biex tirregolarizza l-pozizzjoni tieghu, permezz ta' l-assistenza legali tieghu, kitbu kemm lis-sid biex tirregolarizza ruha fil-konfront tieghu, kif ukoll kiteb lill-Awtoritajiet ikkoncernati bil-pozizzjoni tieghu u dan ghamlu biex tittiehed azzjoni halli is-sid tirregolarizza l-pozizzjoni tieghu.**

**Ir-Rikorrenti jghid ukoll, li eventwalment is-sid bghatet l-formola tar-registrazzjoni tal-bidu ta' l-Impieg lil ETC minghajr ma kien iffirmaha u wara skopra, li minflok li kien gie irregistrat bhal Chef huwa gie irregistrat bhal helper, ma dan huwa jghid ukoll, li d-data tal-bidu ta' l-impieg kienet skorretta u dan ghaliex hu gie rregistrat li beda l-impieg tieghu fl'1 ta' Marzu, 2010 minflok dik tat-8 ta' Awissu 2007. Ir-rikorrenti jghid ukoll fl'Istqarrija tal-Kaz tieghu, li meta sar jaf b'dan huwa oggezzjona permezz ta' l-assistenza legali tieghu u konsegwentament huwa gie tterminat mix-xoghol b'modd hesrem. Ir-rikorrenti jghid ukoll fl'Istqarrija tal-Kaz tieghu, li aktar tard skopra li fuq il-formola tat-terminazzjoni ta' l-Impieg ta' l-ETC gie ddikjarat mis-sid li t-terminazzjoni ta' l-Impieg tieghu saret waqt iz-zmien ta' prova u**

**invista li huwa kien ilu fl'impieg mill-2007, oggezzjona ghal din id-dikjarazzjoni li ghamlet is-sid.**

**Ir-Rikorrenti jghalaq l-Istqarrija tal-Kaz tieghu fejn jitlob lit-Tribunal Industrijali biex jiddikjara li huwa gie mkecci ngustament, kif ukoll biex jigi moghti kumpenss u dak kollu li kien dovut lilhu skond il-ligi.**

**Fl'Istqarrija tal-Kaz is-sid qalet, li preliminarjament dan it-Tribunal Industrijali m'ghandux kompetenza sabiex jiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba, u anqas tar-raba talba inkwantu qed jintalbu danni relatati ma' kontribuzzjonijiet tas-Sigura Socjali u taxxa allegatament mhux imhallsa. Is-sid tghid wkoll, li dan it-Tribunal Industrijali ghandu biss kompetenza li jiddeciedi jekk hemmx kaz ta' tkeccija ngusta, u jekk isib li hemm tkeccija ngusta, jghati kumpens dwar din it-tkeccija. Fl'Istqarrija is-sid tghid ukoll, li minghajr pregudizzju ghall-premess, l-impieg tar-rikorrenti gie terminat waqt il-perjodu ta' prova, u ghaldaqstant l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda, kif ukoll ghalhekk ghandhom jigu michuda t-talbiet konsegwenzjali ghaliha. Fl'Istqarrija s-sid tghid ukoll, li kien hemm raguni tajba u sufficcjenti skond il-ligi sabiex tittermina l-impieg tar-rikorrent, peress li ma kienx hemm xoghol ghalih.**

**Waqt is-smigh tal-kaz, l-intimata ddikkjarat li kienet qed tirtira l-eccezzjoni preliminarji, dik li l-impieg tar-rikorrenti gie tterminat waqt iz-zmien tal-prova u qablet li ir-rikorrenti kien ilu mpjegat ma l-istabiliment Matthews Bar & Restaurant mit-8 ta' Awissu, 2007.**

**It-Tribunal Industrijali semgha diversi xhieda f'dan il-kaz inkwestjoni, fejn mill-provi t-Tribunal Industrijali jirrizultalu li r-rikorrenti kien jghamel xoghol ta' tisjir fil-kcina. Ir-rikorrenti fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali jghid, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu ma kienitx ghall ragunijiet ta' nuqqas ta xoghol kif allegat l-intimata fl'istqarrija tal-kaz taghha, imma l-impieg tieghu kien gie tterminat minhabba l-kwistjonijet li huwa kellu ma l-intimata, fir-rigward li damet ma tirregistra l-impieg tieghu mal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig, kif ukoll minhabba li t-taxxa u l-kontribuzzjoni tas-Sigurta Socjali ma kienux qed jithallsu mill-intimata.**

**Fix-xhieda ta l-intimata quddiem it-Tribunal Industrijali irribattiet ix-xhieda tar-rikorrenti fejn qalet, li d-decizjoni li kienet giet mehuda fil-konfront tieghu, ma kellha x'taqsam xejn mar-ragunijiet li kien qed jghati hu, izda ir-raguni vera kienet ghall-ragunijiet ekonomici, dik ta' nuqqas ta' xoghol u ghaldaqstant, ma kienx hemm triq ohra ghajr li tnaqqas l-ispejjez u tillicenzja lir-rikorrenti u tibda tghamel ix-xoghol ta' tisjir hi. Fix-xhieda taghha tghid ukoll, li hi setghet tghamel dan ix-xoghol peress, li l-istabiliment imsemmi kien wiehed zghir imexxi mill-**

**familja u peress li ix-xoghol kien naqas setghet facilment tlahhaq hi mat-tisjir.**

**Matul is-smigh tal-provi quddiem it-Tribunal Industrijali gie stabilit ukoll, li minn meta saret it-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti jigifieri mill-2010, sakemm saret t-trattazzjoni finali ta' dan l-kaz inkwestjoni jigifieri ghal madwar erba snin wara, hadd ma gie mpjegat minflok ir-rikorrenti u lanqas ma gew impjegati haddiema f'xi kategorija ohra tax-xoghol.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u invista ta' dan, jezamina l-provedimenti tal-ligi li jitrattaw il-kaz inkwestjoni fejn, L-Att ta' l-2002 Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Artiklu 36 (4) jghid " Meta principal ikun bi hsiebu jtemm l-impieg ta' impjegat minhabba redundancy, hu ghandu jtemm l-impieg ta' dik il-persuna li tkun impjegata l-ahhar fil-klassi ta' l-impieg milquta minn dik ir-redundancy" Ma dan it-Tribunal Industrijali ezamina wkoll l-provedimenti ta' l-istess Att tal-Ligi fejn f'Artiklu 36(3) para 2 jghid "Izda kull impjegat li l-impieg tieghu jigi mitmum minhabba redundancy ikun intitolat ghall-impieg mill-gdid jekk il-post li kien jokkupa qabel jerga jkun ottjenibbli fi zmien perijodu ta' sena mid-data tat-tmiem ta' l-impieg"**

**Ghaldaqstant, meta t-Tribunal Industrijali jezamina l-Kaz inkwestjoni jirrizultalu, li ir-rikorrenti kien l-uniku mpjegat f'dik l-klassi ta' l-impieg. Anzi t-Tribunal Industrijali jirrizultalu wkoll, li minn meta gie tterminat l-impieg tar-rikorrenti, hadd aktar ma gie mpjegat ma' l-intimata la flok ir-rikorrenti jew fi klassi ohra tax-xoghol.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-Kunsiderazzjonijiet ezamina wkoll it-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward li l-intimata ma kienitx halest it-taxxa, il-Kontribuzzjonijiet Socjali u peress li l-impieg tieghu gie mitmum hesrem ma kienitx halsitu in-"notice money". Ma dan, it-Tribunal Industrijali f'dawn il-Kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll, l-ilment li ghamel ir-rikorrenti fejn hu kien jghamel xoghol ta' Chef u mhux ta' helper.**

**Meta dan it-Tribunal Industrijali jezamina dawn it-talbiet tar-rikorrenti jasal ghal konkluzzjoni, li rigward l-ilment li l-intimata ma kienitx halsitlu t-taxxa u l-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Socjali, dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzzjoni li dan ma kienx fil-kompitu ta' dan it-Tribunal Industrijali li jidhol f'din il-kwistjoni izda, ir-rikorrenti ghandu jiehu l-azzjoni neccessarja skond kif tipprovdi Ligi. It-Tribunal Industrijali ezamina wkoll l-ilmenti l-iehor tar-rikorrenti, dak li ix-xoghol li kien iwettaq kien ta' Chef u mhux ta' helper u mill-ezami tal-kaz li dahal fih it-Tribunal Industrjjali jasal ghal konkluzzjoni, li x-xoghol li kien iwettaq ir-rikorrenti matul il-hajja ta' l-impieg tieghu ma l-intimata**

**kien dak ta' Kok. F'dawn il-Kunsiderazzjonijiet, dan it-Tribunal Industrijali ittratta wkoll l-ilment tar-rikorrenti li ma giex imhallas in-"notice money" u invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jasal ghall-konkluzzjoni, li din il-materja hija ittratta wkoll Fl'Att ta' l-2002 Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali Artiklu 36 (5), fejn dan l-Artiklu jindika il-hlas tan-"notice money" li ghandu jinghata l-impjegat skond iz-zmien li jkun ilu fl'impieg.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzzjoni, li t-terminazzjoni ta' l-impieg ma saritx bi ksur tal-ligi.**

**Dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li peress li l-impjegat ma thallasx in-"notice money" ta' kemm kien ilu fl'impieg, huwa ghandu jigi mhallas erba gimghat paga u dan il-hlas ghandu jsir fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni. Dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li ir-rikorrenti ghandu jigi moghti certifikat ta' riferenza ta' kemm dam fl'impieg, fejn ghandu mhux biss jigi ndikat ta' kemm dam impjegat ma l-intimata, izda wkoll tigi moghtija li, ir-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet dik ta' sensja minhabba nuqqas ta' xoghol kif wkoll, li f'dan ic-certifikat jigi ndikat li**

**huwa dejjem qeghda dmiru fix-xoghol tieghu ta' Kok u qatt ma kellu kazijiet ta' dixxiplina.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-Kaz jigi deciz fi zmien stabilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Data : 4 ta' Novembru, 2014**